**9 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Andrew *sive* Andrea Facchetti u Frederick Joseph Attard

**Rikuża – Imħallef – Raġunijiet ta'**

*Ir-rikuża ta' mħallef trid titqajjem fl-ewwel seduta u ma tistax titqajjem wara li l-kawża tkun ġà ġiet differita għas-sentenza. Inoltre l-appellat kien qiegħed jibbaża r-rikuża tiegħu fuq supposizzjonijiet li ma kellhom l-ebda riskontru fil-proċess. Għalhekk ir-rikuża ġiet miċħuda.*

Il-Qorti: –

1. L-att ta' akkuża numru 9/89, fl-ismijiet indikati, jixli lill-imsemmija Facchetti u Attard bir-reat ta' riċettazzjoni tal-pittura li tirraffigura lil San Ġilormu ta' Michaelangelo da Caravaggio ta' valur li jeċċedi l-elf lira;

2. L-akkużati ppreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom kif ukoll il-lista tax-xhieda, u l-akkużat Attard, *inter alia*, eċċepixxa li l-istqarrija li huwa kien għamel mal-Pulizija ma kinitx ammissibbli bħala prova għaliex dik l-istqarrija ma saritx

volontarjament u ġie indott li jagħmila biss, meta ġie kkonfrontat b'*recordings* "ta *tapes*" ta' telefonati li, allegatament, ġew irreġistrati b'mod illegali, u għalhekk ma jistgħux, skond il-liġi, jiġu esebiti;

3. Mid-deċiżjoni fuq dawk l-eċċezzjonijiet preliminari li tat l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-20 ta' April, 1990, sar appell mill-Avukat Ġenerali quddiem l-Onorevoli Qorti ta' l-Appell Kriminali;

4. Quddiem dik il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 1990, Frederick Attard issolleva kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u għalhekk, fid-29 ta' Novembru, 1990, dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, irriferiet il-kwistjoni lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

5. Il-kwistjoni kostituzzjonali ssollevata, ġiet ifformulata hekk minn Frederick Attard:

".....il-kwistjoni kostituzzjonali li tqum mill-fatt li kien sar "*tapping*" jew "*monitoring*" jew "*eavesdropping*" fuq telefonati privati tiegħu bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu kif protetti fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjonali ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.....";

6. Waqt it-trattazzjoni tar-riferenza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 1992, beda jixhed il-Kummissarju tal-Pulizija Alfred Calleja, bħala xhud imsejjaħ minn Frederick Attard;

Din ix-xiehda tkompliet fit-**30 ta' Novembru, 1992**, u f'din is-seduta, ġie rreġistrat illi:

"Dr. Galea Debono f'dan l-istadju staqsa lix-xhud jekk jistax jindika biss jekk kinitx persuna f'kariga uffiċjali statali jew inkella individwu fil-kapaċità tiegħu personali li kkonsenja t-"*tapes*", ix-xhud irrifjuta li jirrispondi;

Dr. Galea Debono jirriserva li jkompli bl-eżami tax-xhud wara li jkun hemm provvediment jekk **ix-xhud għandux jirrispondi għad-domanda jew le**;

Dr. Silvio Camilleri jirrileva li l-akkużati, permezz tad-difiża tagħhom, jallegaw li jafu min hija l-persuna li kkonsenjat it-"*tapes*" lis-Sur Alfred Calleja u għalhekk din il-kwistjoni kollha tista' faċilment tiġi risoluta billi tiġi nġunta din l-istess persuna u għalhekk **il-Qorti għandha tordna li d-difiża tħarrek lil din il-persuna li wara kollox, *semmai*, hija l-aħjar prova**; kif ukoll, *in vista* tal-fatt li d-difiża għandha lista twila ta' xhieda indikati, **u għandha tordna** li jiġu mħarrka x-xhieda l-oħra **sabiex dawn il-proċeduri jiġi rreġistrat progress fihom u mhux il-provi jsiru bil-pezzi bukkuni**;

7. Id-Digriet biex jirregola l-inċident imsemmi, ingħata fis-26 ta' Jannar, 1994, u jgħid hekk:

"Il-Qorti: –

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Novembru, 1992;

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti dwar l-inċident konċernanti d-deċiżjoni tax-xhud l-Ex Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta li jagħti informazzjoni dwar il-persuna li kkonsenjatlu t-*tapes*;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali, ta' Appell fil-kawża "Dom. Mintoff *et vs* Dun Francesco Saverio Bianco", deċiża fl-14 ta' Ottubru, 1961;

Rat l-artikoli 257 u 642 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Billi x-xhud mhux qed jiġi mitlub jiżvela l-isem tal-persuna li tatu t-*tapes* u konsegwentement billi jiddivulga l-informazzjoni mitluba ma jkunx qed jikser ebda sigriet li seta' ġie ddepożitat miegħu;

Billi wkoll, kif tgħid l-istess sentenza, tali rifjut ikun ġustifikat kemm-il darba l-informazzjonio mogħtija timponi lil terza persuna għall-proċeduri kriminali;

Billi fil-każ preżenti dawn l-elementi ma jikkonkorrux;

Tordna lill-Ex-Kummissarju tal-Pulizija Alfred Calleja jirrispondi d-domandi lilu magħmula fis-sens tal-verbal tat-30 ta' Novembru, 1992";

8. L-Avukat Ġenerali appella minn dan id-digriet, billi l-kwistjoni deċiża tolqot prinċipju proċedurali ta' ordni pubbliku għaliex il-Pulizija għandha d-dritt li tirċievi informazzjoni b'mod anonimu u kunfidenzjali u li dik l-anonimità u kunfidenzjalità huwa meħtieġ li jiġu protetti biex is-soċjetà tista' tiddefendi ruħha mill-kriminalità, mingħajr ma tesponi lil dawk li jgħinuha billi jfornixxu dik l-informazzjoni, għar-reazzjoni tal-kriminali;

9. Fir-risposta tiegħu, Attard issottometta illi huwa:

".....irid jistabbilixxi li kienet awtorità governattiva statali

jew parastatali li pprovdiet lill-Pulizija b'*tapes* ta' telefonati li ġew interċettati abbusivament u bla ma hemm ebda liġi li tippermettihom;

Id-domanda ma tridx tkun taf il-persuna li tathom lil Alfred Calleja, **imma biss jekk din għandhiex funzjoni governattiva jew esekuttiva**, u dan għaliex *in vista* ta' ċerta ġurisprudenza li tgħid li ksur tad-drittijiet fundamentali jsir biss da parti ta' l-istat, **trid tistabbilixxi dan il-fatt li l-ksur sar mill-makkinarju ta' l-Istat u mhux minn xi ċittadin privat**'';

Din id-dikjarazzjoni għandha l-importanza tagħha, però dak li qed jippretendi l-appellat huwa li (a) kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu meta saru xi reġistrazzjonijiet ta' telefonati tiegħu, (b) illi dawn ir-reġistrazzjonijiet illeċiti ġew użati minn Alfred Calleja, li f'dak iż-żmien kien is-Supretendent tal-Pulizija li interrogah u li lilu ġiet magħmula l-istqarrija ta' l-appellat, (ċ) bil-konsegwenza li, dik l-istqarrija, m'għandhiex titqies li hija ammissibbli bħala prova fil-proċeduri kriminali li għalihom huwa suġġett;

Din il-proċedura ta' riferenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija limitata għall-ewwel (a) proposizzjoni, għaliex it-tnejn l-oħra jridu jiġu eżaminati u determinati fi qrati oħra;

11(a). L-appellant qed jissottometti illi d-digriet ta' l-ewwel Qorti huwa skorrett minħabba dak li hemm ipprovdut fl-**artikolu 257 Kap. 9**:

''Kull tabib, kirurgu, ostetriku jew spiżjar, u, in ġenerali, kull wieħed ieħor illi minħabba l-istat jew professjoni tiegħu jkun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-

sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah jgħarrafhom lill-awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-multa'';

(b) u, prinċipalment, fl-**artikolu 642 Kap. 9**:

''(1) L-avukati u l-prokuraturi legali ma jistgħux jiġu mġegħlin jixhdu fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu minħabba li l-partijiet infushom ikunu fdaw fil-patroċinju jew konsult tagħhom;

(2) Din ir-regola tgħodd ukoll għal dawk li huma obbligati mil-liġi, għas-sigriet dwar ħwejjeġ li fuqhom tintalab ix-xiehda tagħhom'';

12. L-ewwel kweżit li għalih trid tingħata risposta huwa dan:

Huwiex uffiċjal tal-pulizija, inkarigat mill-investigazzjoni ta' delitt, obbligat mil-liġi għas-sigriet fuq dak li lilu jiġi fdat bħal tali waqt dawk l-investigazzjonijiet?;

Jidher li l-ewwel Qorti fid-digriet tagħha, indirettament irrispondiet din id-domanda fl-affermattiv għaliex qalet:

''Billi x-xhud mhux qed jiġi mitlub jisvela l-isem tal-persuna li tatu t-''*tapes*'' u konsegwentement billi jiddivolġa l-informazzjoni mitluba ma jkunx qed jikser ebda sigriet li seta' ġie ddepożitat miegħu'';

u dan il-motiv ifisser illi kieku d-domanda kienet biex is-Supretendent Calleja jiżvela **l-isem** tal-persuna li tagħtu ''t-*tapes*'' allura kien ikun qed jiġi invitat li jiżvela sigriet li ġie lilu fdat u li huwa obbligat li jirrispetta;

Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx li l-uffiċjal tal-pulizija huwa obbligat li ma jiżvelax sigriet lilu fdat in konnessjoni mal-funzjonijiet tiegħu bħala tali. Jekk il-liġi bħala element essenzjali għall-amministrazzjoni ġudizzjarja, xierqa, tal-ġustizzja, tipproteġi l-avukati u l-prokuraturi legali, fl-ewwel sub-inċiż ta' l-artikolu 642, huwa diffiċli li din l-istess protezzjoni ma tikkomprendix ukoll lill-uffiċjal tal-pulizija li waqt l-investigazzjoni tad-delitti jiġi fdat, taħt il-kappa tas-segretezza, b'informazzjoni rilevanti għall-investigazzjonijiet li jkun qed jikkonduċi, jew biex jibda jinvestiga;

13. Iżda, però, ġaladarba l-kweżit irċieva risposta affermattiva, bir-rigward kollu lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, is-sigriet li jikkomprendi **l-isem** tad-depożitant, jiġifieri l-identità tiegħu, allura, dak li jgħodd għall-identifikazzjoni **sħiħa** u immedjata tad-depożitant minħabba li jiġi żvelat l-isem, għandu jgħodd ukoll għall-elementi **parzjali** li jservu għall-eventwali identifikazzjoni ta' l-istess depożitant. M'hemmx bżonn elaborazzjoni ulterjuri ta' dan ir-rifless għaliex jekk ir-risposta tas-Supretendent tkun (a) li l-persuna li tagħtu t-"*tapes*" kellha "kariga uffiċjali statali", allura, bl-istess motivazzjoni tad-digriet, l-istess Supraintendent għandu jirrispondi domanda sussegwenti, bħal per eżempju, – din il-persuna għad għandha kariga statali jew le? – billi jekk xorta waħda din ma teleċitax l-isem tal-persuna, xorta waħda qed tagħmel pass ieħor, biex dik il-persuna, suppost protetta bid-dritt tas-sigriet, tiġi ftit ftit identifikata, u, (b) jekk ir-risposta tkun "individwu fil-kapaċità tiegħu personali", allura d-domanda li ssegwi tista' faċilment tkun – din il-persuna taħdem fil-fabbrika ta' Facchetti u Attard jew m'għandha x'taqsam xejn?;

Fiż-żewġ każijiet, kull risposta tinvolvi almenu in parti, l-

iskoperta ta' dak li suppost huwa sigriet;

Għalhekk din il-Qorti tara illi ġaladarba r-risposta għall-kweżit inizjali hija fl-affermattiv, għandha ssegwi l-**inammissibilità** tad-domanda magħmula lix-xhud, u mhux il-kontrarju;

14. L-appellat in parti għall-anqas, intwixxa din l-implikazzjoni tant illi fir-risposta tiegħu – para. 9 *supra* – qal illi huwa ried **verament** ikun jaf **biss** jekk dik il-persuna "għandhiex funzjoni governattiva jew esekuttiva, u dan għaliex, *in vista* ta' ċerta ġurisprudenza li tgħid li ksur tad-drittijiet fundamentali jsir biss da parti ta' l-Istat";

Jiġi mill-ewwel osservat illi hawnhekk l-appellat prattikament qed jgħid li d-domanda minnu fformulata lix-xhud Alfred Calleja, għalkemm ifformulata b'mod alternattiv – persuna b'kariga statali **jew** persuna mingħajr din il-kwalifika – huwa interessat **biss** fl-ewwel kategorija ta' persuni – minħabba ċerta ġurisprudenza. Dan juri, preċiżament, li d-domanda hija verament magħmula b'mod li taħbi l-iskop preċiż li janimaha – li hija l-**identifikazzjoni** ta' persuna li għandha xi "funzjoni governattiva jew esekuttiva" u mhux ħaġ'oħra;

15. L-appellat jadduċi raġuni oħra fir-risposta tiegħu biex jispjega l-atteġġjament tiegħu fir-rigward tad-domanda proposta billi jiġġustifika għaliex teżisiti;

"ċerta ġurisprudenza li tgħid li ksur tad-drittijiet fundamentali jsir **biss da parti ta' l-Istat**, trid tistabbilixxi dan il-fatt li l-ksur sar mill-makkinarju ta' l-Istat u mhux minn xi ċittadin privat";

Din ir-raġuni, *se mai,* **tindika l-kuntrarju** ta' dak li qed jipprova jagħmel l-appellat bid-domanda. Il-proċedura li huwa qed jipprosegwixxi difatti, **hija diġà diretta kontra l-Istat biss.** Difatti, l-appellat qed jallega li meta s-Supretendent Alfred Calleja għamel użu minn *"tapes"* li kienu ġew prokurati minn ħaddieħor illegalment u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, (protetti mill-artikoli 38 tal-Kostituzzjoni u 8 tal-Konvenzjoni) l-Istat irid jirrispondi għal dak l-allegat ksur ta' dawk id-drittijiet meta l-istess Suprentendent għamel użu illeċitu ta' mezzi illeċiti, ġejjin minn fejn ġejjin, prokurati kif prokurati, kemm minn uffiċjal pubbliku u kemm minn persuna privata; m'hemmx differenza għaliex l-iskop li jrid jasal għalih l-appellat huwa li jinfiċja l-istqarrija li għamel lill-pulizija għaliex din ġiet indotta bl-użu ta' *"tapes"* li biex jiġu rreġistrati, ġew ivvjolati d-drittijiet fundamentali tiegħu msemmija;

*En passant*, hawnhekk jista' jiġi nnotat illi ċ-"ċerta ġurisprudenza" li għaliha jirreferi l-appellat, tikkonsisti essenzjalment, u l-aktar, f'sens partikolari, fl-*"obiter dicta"* ta' sentenza waħda ta' din il-Qorti; u anzi, il-kuntrarju huwa l-korrett kif jidher mhux biss f'numru ta' sentenzi fejn dan ġie affermat imma anki **fil-prattika forensi** ta' l-avukati f'isem ir-rikorrenti mindu din il-proċedura speċjali ta' drittijiet fundamentali saret parti mill-ordinament ġuridiku tagħna. Fuq dan il-punt, tista' ssir utili riferenza għas-sentenza, *in parte,* mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1992, Joseph Azzopardi *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et* (Vol. LXXVI.I.94);

16. It-tieni motivazzjoni dedotta fid-digriet appellat hija din:

"Billi wkoll, kif tgħid l-istess sentenza, tali rifjut ikun

ġustifikat kemm-il darba l-informazzjoni mogħtija timponi *(recte* "tesponi" kif jidher mill-oriġinal miktub mill-Onorevoli Imħallef Dr. Albert Magri u li għadu meħmuż ma' l-atti ta' kawża għalkemm fil-kopja dattikoskritta, awtentika mid-Deputat-Reġistratur, il-kelma ġiet mibdula f'"timponi") lil terza persuna għal proċeduri kriminali";

Ir-riferenza hija għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-14 ta' Ottubru, 1961, fl-ismijiet Dom. Mintoff u Anton Buttigieg *vs* Rev. Dun Francesco Saverio Bianco;

Din kienet kwerela għall-malafama permezz ta' l-istampa billi r-Reverendu Bianco kien l-istampatur ta' librett anonimu li fih, il-kwerelanti allegaw li ġew malafamati. Meta lill-kwerelat saritlu d-domanda dwar min kien l-awtur tal-librett jew min kien **ikkonsenjalu** l-oriġinal għall-istampa, l-istess kwerelat invoka l-protezzjoni ta' l-imsemmi artikolu 257 Kap. 9 (dak iż-żmien l-art. 270 tal-Kodiċi Kriminali) il-Qorti ddisponiet hekk:

"Il-***praxis curiae*** ta' dawn il-qrati kienet dejjem fis-sens li l-editur jew l-istampatur ma jiġux kostretti jiżvelaw l-identità tal-kontributuri għall-ġurnal tagħhom. L-editur jew l-istampatur meta jirċievu kontribuzzjoni għall-pubblikazzjoni fil-ġurnal tagħhom, ikunu qegħdin jirċevuha minħabba li huma qegħdin appunta jeżerċitaw il-professjoni jew mestier ta' editur jew stampatur, u għalhekk jekk il-kontrubwent irid jibqa' anonimu, isiru, bħala tali, depożitarji ta' sigriet, u jekk jiżvelawh **jistgħu**, *in linea di massima,* u fil-każijiet kongruwi jaqgħu taħt is-sanzjonijiet tal-liġi kriminali (art. 270 Kod. Krim.)";

Tosserva din il-Qorti illi (a) jekk stampatur jew editur, huwa depożitarju ta' sigriet, fis-sens ta' l-artikoli 257 u 642 ikkwotati

- *multo magis* - għandu jiġi hekk ikkonsiderat Supretendent tal-Pulizija; u (b) li terza persuna tiġi esposta għall-azzjoni u s-sanzjonijiet talli vvjolat id-dritt fundamentali ta' persuna oħra hija raġuni valida daqs, jekk mhux aktar, determinati, biex dik il-persuna ma tiġix mikxufa mid-depożitarju tas-sigriet; apparti mill-fatt illi, per eżempju, fil-każ preżenti ma jistax jiġi eskluż li dik ir-reġistrazzjoni tat-telefonati **setgħet** saret bi vjolazzjoni ta' normi penali wkoll, bħal per eżempju bi vjolazzjoni ta' proprjetà, ħsara f'dik il-proprjetà *et cetera;*

Għalhekk, din il-Qorti ma tistax tapprova t-tieni motivazzjoni, għaliex, dik il-motivazzjoni anzi, tistrieħ fuq sentenza li proprju tissufraga l-konklużjoni kuntrarja;

17. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa reċepit u d-digriet appellat huwa revokat u x-xhud Alfred Calleja ma jistax jiġi mġiegħel li jirrispondi d-domanda li fuqha ngħata d-digriet.